

Konvenut: L-Ufficijju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Swissgear Sàrl (Baar, 1-Isvizzera) (rappreżentant: J. Hacke, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-20 ta' Settembru 2016 (Każ R 2098/2015-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Swissgear u Wenger.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Wenger SA għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Ufficijju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Swissgear Sàrl.

(¹) ĠU C 38, 6.2.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-23 ta' Jannar 2018 – avanti vs EUIPO (avanti)

(Kawża T-250/17) (¹)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea avanti — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 083/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: avanti GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Bahmann, avukat)

Konvenut: L-Ufficijju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Frar 2017 (Każ R 801/2016-5), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv avanti bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) avanti GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 195, 19.6.2017.